Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Antonovich Muscat]

vs

Alfred Mizzi

Kumpilazzjoni Numru: 156/11

Illum, 22 ta' Marzu, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Alfred Mizzi detentur tal-karta tal-identita` numru 388058(M);

**Gie akkuzat talli** f'dawn il-Gzejjer fis-7 t'Awwissu 2007 jew fil-jiem ta' qabel,

a. Ikkorrompa lil Francis Catania, ufficjal jew impjegat pubbliku, u rrenda ruhu komplici ma' l-istess Francis Catania, ufficjal fid-Direttorat tal-Licenzji, billi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd;

b. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll illi l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disa' (9) ta' April elfejn u erbatax (2014) fejn intalab li din il-Qorti ghandha ssib htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi u cioe':-

a. fl-artikoli 42(b), 43, 44, 45, 46 u 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. fl-artikoli 42(b), 43, 44, 45, 46 u 185 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. fl-artikoli 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan wara li nqraw l-Artikoli supracitati;

Illi dawn huma proceduri fejn l-imputat qed jigi akkuzat li kkorrompa lil Francis Catania ghall-hrug tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat tal-mutur b'mezzi illegali u mhux skont il-procedura;

Illi f'dawn il-proceduri; apparti x-xhieda tal-ufficjal prosekutur u ta' Brian Farrugia li kkonferma li ma nstabu l-ebda *records* fi hdan it-Transport Malta li juru li l-imputat qatt ghamel l-ezami sabiex jottjeni l-licenzja tal-muturi, kemm meta ghamel ricerka tramite is-sistema taghhom u anke manwalment. Jidher illi l-imputat qatt

ma ghamel applikazzjoni sabiex jottjeni din il-licenzja maghrufa bhala A u A+ u l-anqas qatt ma sar l-ezami. Jirrizulta wkoll illi din il-licenzja giet inserita manwalment fis-sistema fis-7 ta' Awwissu 2007.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkonsisti f'serje ta' proceduri li gew istitwiti mill-pulizija stante li kien hemm allegazzjonijiet illi xi licenzji tas-sewqan gew misjuba b'xi illegalitajiet fihom.

Illi t-tezi tal-prosekuzzjoni hija fis-sens illi gialadarba l-imputat ottjena l-licenzja tieghu billi avvicina persuna li tahdem it-Transport Malta Francis Catania u li kienet qaltlu li kienet ser tghinu sabiex jottjeni din il-licenzja u stante li l-imputat ma ghamilx l-

ezami; xi haga li hi necessarja ghall-hrug ta' tali licenzja; dan kollu allura jiggustifika l-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat huwa akkuzat taht l-Artikoli 115 (b) u (c), 42 u 185 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tittratta dwar korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku u dikjarazzjoni falza.

Illi mill-provi prodotti ma hareg minn imkien illi l-imputat hallas lil Francis Catania sabiex jottjeni din il-licenzja tant li l-istess Francis Catania fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti u wara li kienu gew ezawriti l-proceduri kriminali kontrih, jghid illi kienet terza persuna li kienet tigi ripetutament issaqsih sabiex johrog il-licenzja lill-imputat tant li wara kien harigha. Dan jghid illi huwa ma gie mhallas xejn ta' dan. Huwa jghid illi huwa qatt ma kien ikkomunika mal-imputat Alfred Mizzi. Huwa jghid ukoll illi l-imputat kien hallas biss sabiex giet rinnovata l-licenzja tal-mutur.

Ix-xhud pero' qatt ma semma' din il-persuna li kienet avvicinatu min kienet.

Illi din il-Qorti mill-ewwel qed tiddikjara illi mhix ser tiehu konjizzjoni tal-istqarrija tal-imputat u dan ghaliex ma ttiehditx kif suppost u dan minghajr id-dritt tal-prezenza ta' avukat ta' fiducja tieghu.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (App. Nru. 333/2018 CSH) deciza fil-15 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. Nicholas Dimech</u> gie deciz wara li gew ikkwotati diversi sentenzi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li sostanzjalment id-dritt ta' smigh gust tal-akkużat kien pregudikat mis-semplici fatt li l-akkuzat ma kellux dritt ta' aċċess ghal avukat. Dan id-dritt japplika anke meta per ezempju l-akkuzat jirrinunzja ghad-dritt tieghu li jitkellem ma' avukat fl-istadju ta' *pre-trial* u anke meta jwiegeb hati ghall-akkuzi dedotti kontrih. Dan id-dritt huwa marbut mill-qrib mad-dritt li l-akkuzat ghandu jkollu zvelar shih tal-fatti u l-provi kollha tal-prosekuzzjoni. B'dan il-mod id-drittijiet kollha qed jigu protetti minghajr il-possibilita` li jinqalghu problemi futuri fl-

istadju tal-process gudizzjarju, liema problemi jippregudikaw ir-rizultat tal-procedimenti.

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament u ttenni li mill-introduzzjoni ta' dan id-dritt fis-sistema legali taghna u peress li dan id-dritt huwa meqjus bhala dritt fondamentali tal-bniedem li jikkonsulta u li ghandu access ghall-avukat, dan id-dritt jew jinghata *in toto* jew xejn.

F'dan is-sens ukoll il-Qorti taghmel referenza ghal dak deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali (per Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera LL.D.) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Polidano, Michael Mercieca, omissis** deciz fis-7 ta' Jannar 2020 (Appell numru 348/2018) fejn inghad hekk:

> *"Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad it-talba tal-Avukat Generali ghal revoka contrario imperio tad-digriet ta' din il-Qorti tal-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) u ghalhekk tikkonferma l-isfilz tal-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzati fit-tmienja (8), disgha (9)*

*u ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) bhala inammissibli u stante li f'dak id-digriet din il-Qorti kienet laqghet it-talba tal-akkuzati maghmulha fid-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u cioe' li 'stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet rilaxxjati mill-imputati li ma kellhomx opportunita' li jkollhom avukat prezenti maghhom ghal waqt it-tehid tal-istess jigu sfilzati jew ma jittiehdux in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri' , din il-Qorti lanqas ma qieghda tqis bhala ammissibli x-xhieda tal-akkuzati Michael Mercieca u Saleem Muhammed f'dik ix-xhieda indikat bhala 'Saleem Mohammed' moghtija quddiem it-Tekniku Vincent E. Ciliberti fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015), dikjarazzjonijiet maghmulha mill-akkuzati lil Pulizija skont kif jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija a fol 144 et sequitur senjatament a fol 147 kif ukoll a fol 212 et sequitur senjatament a fol 215. Ghalhekk kwalunkwe referenza fl-atti ghall-istqarrijiet, dikjarazzjonijiet u xhieda moghtija mill-imputati minghajr il-prezenza ta' Avukat matul l-investigazzjoni hija ukoll inammissibli."*

Ikkunsidrat:

Illi r-reat ta' korruzzjoni skond il-Professur A. J. Mamo fin-Notes on Criminal Law (revised edition 1954-55):

> *"this crime subsists at any rate in it simple form, irrespective of the inherent justice or injustice of the act which the reward was intended to induce the public officer to do. The Justice or injustice of what the public officer does or engages to do in view of the reward or promise or offer or reward, is not an essential ingredient of the crime but only serves as a criterion to distinguish one form of the crime from another for the purpose of punishment."*

Fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju 1986 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri, Andrew Schembri, Carmel sive Charles Gauci u Paul Galea** nghad is-segwenti:

*"In propositu huwa rilevanti hafna l-Artikolu 114 (illum 115) stante li dan jistabilixxi diversi gradi ta' piena bazata fuq kriterji relattivi ghall-iskop u l-effetti tal-att kostitwenti l-korruzzjoni, fis-sens li l-ligi tiddistingwi principlament bejn il-kaz fejn l-iskop tar-rigal ikun sabiex l-ufficcjal jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel; u l-kaz fejn l-iskop ikun sabiex ma jaghmilx dak li hu fid-dmiru - fit-tieni kaz, jekk l-ufficjal 'fil-fatt' jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel."*

Din il-Qorti kompliet tghid ukoll illi:

*".... u huwa immaterjali - ghal finijiiet tar-responsabilita' li nonostante dan il-vantagg l-impjegat xorta wahda ghamel dmiru. Ghax ir-reat odjern almenu fil-limiti tal- paragrafu (b) tal-Artikolu 114 (illum 115(b)) huwa kkonsmat mal-accettazzjoni tal-offerta u mhux mal- effetto ta' din fuq l-ezercizzju tal-funzjonijiet tal- impjegat."*

Illi l-elementi tar-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku huma deskritti f'diversi sentenzi fosthom fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar et** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Lulju 1982) fejn gew deskritti hekk:

1. Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku.
2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta' ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd.
3. L-azzjoni tal-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun inkonnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu.
4. Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel. Jinghad bla tlaqliq li dawn l-erba' elementi jridu jikkonkorru kollha fl-istess hin sabiex jista' jinghad li r-reat gie pruvat.

1. **Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku**

Dan hu l-ewwel element essenzjali ghall-ezistenza ta' dan ir-reat. Il-kliem tal-ligi huwa wieghsa u jinkludi fih kull ufficcjal u mpjegat tal-Gvern. Fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar et</u>** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Lulju 1982) il-Qorti rriteniet li:

> *" ...jirrizulta mill-provi li l-imputati George Vassallo u Carmelo Mifsud huma impjegati tal-Gvern u t-tnejn jaqghu taht id-definizzjoni ta' impjegat pubbliku..".*

Il-ligi espressament tirrikjedi li din il-persuna tkun ufficcjal pubbliku jew impjegat pubbliku, u ghalhekk huwa eskluz kull min ma jkollux din il-kariga.

Cheveu Helie fil-fatt jghid li:

> *"min jikkommetti reat bhal dan ikun qed jittradici mhux biss id-doveri partikolari ta' l-ufficcju tieghu izda anke*

*jittradixxi l-interess tal-komunita' li giet fdata bis-sistema gudizzjarja nnifissha".*

2. **<u>L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd</u>**

It-tieni element huwa l-accettazzjoni ghalih jew ghal haddiehor ta' renumerazzjoni jew promessa jew offerta ta' renumerazzjoni li mhix dovuta lilu b'ligi. Huwa essenzjali li l-korruzzjoni ghandha tiehu l-forma ta' accettazzjoni ta' xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor irrispettivament mill-valur jew sura taghha. Hafna drabi l-korruzzjoni kienet tikkonsisti f'accettazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ta' valur pero' l-accettazzjoni ta' weghda hija bizzejjed. M'hemmx ghalfejn li l-valur jigi kwantifikat. Hawnwhekk terga' ssir referenza ghas-sentenza fuq citata ll-**<u>Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri et.</u>** fejn inghad li:

*"It-tieni estrem tar-reat odjern jirrikjedi li l-impjegat pubbliku ikun ircieva jew accetta xi rigal jew vantagg jew utilita. F'dan ir-rigward, Il-Qorti tosserva li l-lokuzzjoni adoperata mil-ligi hija tali li tirrikjedi fiha kull haga li tista' tkun ta' vantagg ghal persuna li tkun giet korrotta, u ghalhekk mhux necessarju li dan il-vantagg ikun jikkonsisti fi flus. Dak li hu essenzjali hu li l-oggett ikun ta' beneficcju ghalih, ghax f'dan il-kaz hemm l-inkoraggjament f'din il-persuna li titradixxi l-fiducja moghtija lilha mis-socjeta' billi tkun qieghda taghmel ghal vantagg taghha dak li suppost qed taghmel minghajr hlas."*

B'dan pero' illi jrid ikun hemm almenu weghda ta' flus jew ta' xi vantagg iehor ikun x'ikun. Jekk l-ufficjal pubbliku jew impejgat pubbliku jcedi ghall-solicitazzjoni jew pressjoni minghajr ma jkun hemm tali weghda l-att tieghu ma jammontax ghal att ta' korruzzjoni. Ghalkemm tali agir jista' jkun illegali zgur li pero' ma jikkwalifikax ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jrid jinghad ukoll illi minn kliem il-ligi stess mhux necessarju li r-rigal, weghda jew offerta jsir lejn l-ufficjal pubbliku personalment jew li tigi accettata personalment minnu.

3. <u>L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun inkonnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu</u>

Dan it-tielet element kontemplat fir-reat skond l-Artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hi dik li l-accettazjoni tar-renumerazjoni jew il-weghda jew l-offerta hi maghmula mill-ufficjal pubbliku inkonnessjoni mal-ufficcju tieghu jew l-impjieg tieghu. Dan ifisser li dan kollu ghandu jaqa' fil-parametri tal-funzjonijiet tieghu. Ghalhekk jekk l-att m'ghandux x'jaqsam mal-funzjonijiet tieghu ta' ufficcjal pubbliku u cioe' li m'ghandux dritt jaghmel dak l-att skont l-impjieg tieghu xorta jibqa' att ta' ufficcjal pubbliku pero' mhux wiehed li jaqa' fil-parametri ta' dan ir-reat. Trid tkun haga li fuqha l-ufficcjal pubbliku ghandu kontroll immedjat jew fir-rigward ta' haga li hu biss jista' jaghmel.

Fis-sentenza gja kkwotata **Il-Pulizja vs Lawrence sive Lorry Cuschieri** l-Qorti rriteniet li:-

*"It-tielet ingredjent jesigi li dan il-vantagg jigi accettat in konnessjoni mal-kariga jew l-impieg tal-persuna korrotta. In subjecta materja, il-qorti jidhrilha opportun li jigi osservat il-lokuzzjoni xejn ristretta adoperata mill-ligi. Kull ma hu necessarju hu li l-att in kwistjoni, relattiv ghal vantagg offert, ikun konness mal-funzjonijiet tal-impjegat, izda b'mod li jidhol fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu, ghax huwa unikament f'dan il-kaz li jista' jigi pregudikat l-interess generali. Fi kliem iehor l-att intiz irid ikun, 'an act of his office'."*

Fil-fatt il-Professur Mamo jikkonferma billi jghid:-

*"it seems however sufficient if the act be one in respect of which the officer concerned could only by reason of his*

*office give any directions or make any arrangements whatever, or in any manner influence the decision thereon".*

Is-sentenza tal-Appell imbaghad tkompli tghid li:

*"Il-Qorti taqbel perfettament din l-interpretazzjoni tal-ligi, stante li hi konformi u tinkwadra pjenament mar-rationale taghha cioe' dak li tassigura li l-esercizzju tal-funzjonijiet da parti tal-impjegati ikun 'rite et recte' f'kul kaz.....mhux necessarju li l-att tkun tali li jaqa' direttament fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu - imma huwa sufficjenti li jkun tali li, l-impjegat ikun jista' jaghmel fl-esercizzju tax-xoghol tieghu."*

Ghalhekk, sabiex jissussisti dan ir-reat ta' korruzzjoni hemm bzonn li jigi stabbilit ness bejn l-accettazzjoni ta' flus jew utli iehor u l-ezercizzju tal-kariga jew impjieg pubbliku.

F'sentenza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Maria Cini (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012) il-Qorti kienet hasset illi ma kienx hemm l-accettazjoni tal-parti l-ohra u lanqas ma kien hemm xi forma ta' ftehim sabiex l-appellant jaghmel dak li ma messux jaghmel jew li huwa fid-dover li jaghmel u ghalhekk dan ir-reat kif dispost fl-Artikolu115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jissussistix.

Din il-Qorti tghid li l-fatti huma simili ghall-kaz in desamina u dan ghaliex ma jirrizultax li effettivament l-imputat qatt talab ghal xi rigali, jew addirittura qatt ma wieghed li ser jaghmel xi haga ghal xi forma ta' retribuzzjoni.

4. Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel

Illi ghalhekk minnufih jigi rilevat li l-offerta jrid ikollha l-iskop li tinduci lill-ufficjal pubbliku li jaghmel haga li m'ghandux x'jaghmel. Fl-ewwel ipotesi, meta l-ufficcjal pubbliku jaghmel id-

dover tieghu in kontro kambju ghal xi vantagg il-Professur Mamo jghid:

> *"..the law wants to protect the integrity of the public service and the prestige of the judiciary which are harmed in the esteem which they should enjoy by any improper reward received even though it is not intended to injure materially the interests of the individual or the interest of Justice."*

It-tieni ipotesi hija meta r-rigal jew kull haga li tinghata lill-ufficcjal pubbliku sabiex jehel milli jaghmel id-dover tieghu l-Professur Mamo jghid:

> *"that there is in addition to the injury to the good name of the service also the danger of actual injury to the right of the individuals or of justice and the law takes account of this for the purpose of aggravating the punishment."*

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Demicoli** l-Qorti irriteniet:

*"b'referenza ghar-raba' element ghandu jigi stabbilit jekk l-ufficjal pubbliku hax il-flus bl-iskop jew li jaghmel dak li huwa fid-dover li jaghmel jew li jonqos li jaghmel dak li hu fid-dover li jaghmel. Id-differenza fil-prattika tirrigwarda l-piena li ghandha tigi applikata."*

Interessanti dak li qalet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Gatt** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012), taht il-ligi taghna:

*"sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d-dover tieghu. Il-Professur Mamo jghallem li 'as Section 114(a) and (b) (illum 115(a) u (b)) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or*

*offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."*

Ghaldaqstant huwa car illi taht il-ligi Maltija, sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel il-kommissjoni tal-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficcjal pubbliku.

Illi ghalhekk huwa biss meta l-ftehim bejn l-ufficcjal pubbliku u l-korruttur jigi msarraf f'dak miftiehem li r-reat ta' korruzzjoni jkun kunsmat. Illi ghalhek hareg car li l-elementi essenzjali ta' dan ir-reat ta' korruzzjoni ma gewx ippruvati ghaliex fil-mument tal-fatt attribwit lill-imputat la kien hemm weghda u l-anqas offerta mill-ebda parti involuta u ghalhekk jidher b'mod car illi l-ebda wahda mill-elementi essenjali ta' dan ir-reat ma tissussisti.

Illi a rigward it-tlielet akkuza u cioe' dik kontemplata taht l-Artikolu 121A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan l-Artikolu jghid is-segwenti:

*"(1) Kull min iwiegħed, jagħti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxijew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-subtitolu u ta' xi persuna oħra, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teserċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor, għandu, meta jinsab ħati, jeħel.*

*(2) Kull min jitlob, jirċievi jew jaċċetta xi offerta jew wegħdata' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeserċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) jeħel, meta jinsab ħati, il-pienastabbilita f'dak is-subartikolu.*

*(3) Ir-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) jkunu saru għal kollox sew jekk il-kapaċità allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx teżisti, sew jekk l-*

*influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiża twassal jew ma twassalx għar- riżultat intiż."*

Illi ghalhekk, meta jitnaqqas il-valur probatorju tal-istqarrija tal-imputat kull ma hemm f'dawn il-proceduri huma fatturi sporadici u bla l-ebda bazi legali u li certament ma jikkonkludux illi kien hemm xi flejjes jew xi vantaggi minn jew lejn l-imputat lil Francis Catania jew xi dikjarazzjoni falza mill-istess imputat u dan stante li l-anqas wahda mill-elementi ta' dan ir-reat ma ssib sustanza fil-fatti in ezami. Illi ghaldaqstant il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha oltre' d-dubju dettat mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Alfred Mizzi hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u kwindi tilliberah minnhom.

___________________________________________
**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**